# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 172/01mm**

**Information Technology Services Limited**

**vs**

**Pierre Galea f'ismu propju u ezercenti n-negozju fl-isem u fl-interess ta' Mirabel Distributors**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u wiehed u disghin liri Maltin (Lm391.00)

rapprezentanti drittijiet professjonali u VAT ghal servizzi rezi fuq inkarigu tal-konvenut u dan skond statement anness u mmarkat Dok “A”;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT, fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2000, tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment dal-kawza u bl-imghax legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta’ Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.